**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 23 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 127/22 AL

A B

vs

C B

(MR Numru 2062/1997)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar id-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) fir-Reġistru taż-Żwiġijiet, il-Belt Valletta, Malta u dan, kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat Dok A.

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux ulied.

3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' sentenza datata is-sitta ta' għoxrin (26) ta' Mejju, tas-sena elfejn u sittax (2016); vera kopja tas-sentenza annessa u mmarkata bħala Dok B.

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti arretrati ta' manteniment fir-rigward tal partijiet, peress li l-ebda parti ma tivversa manteniment lill-parti l-oħra.

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra illi ilhom legalment separati mis-sena elfejn u sittax (2016), il-partijiet illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi l-esponenti qiegħda tannetti affidavit tagħha, ma dan ir-rikors, mmarkat Dok C.

8. Illi l-esponenti tiddikjara illi hija ma għandha l-ebda prova ulterjuri xi tressaq f'dawn il-proċeduri.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:

1. Illi l-esponent ma jopponix ghat-talba ghal-divorzju.

2. Ghal din it-talba tar-rikorrenti, l-esponent m’ghandux jbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, liema spejjez ghandhom jigu supportati fl-intier taghhom mir-rikorrenti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 t’April, 2022;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta’ Mejju 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.